14 ta' Lulju, 1995

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius, B.A. LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

## Rikuża - Ritrattazzjoni - Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - Applikazzjoni Żbaljata tal-Liġi - Żball

*Sentenza dwar rikuża ta' l-Imħallfin f'kawża ta'ritrattazzjoni. Ir-ritrattazzjoni kienet bażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi. L-imħallfin sedenti aċċettaw ir-ritrattazzjoni billi l-bażi għal dik ir-ritrattazzjoni ma kienitx waħda frivola jew leġġera. Il-Qorti rritjenit li: "Huwa evidenti illi biex din id-deroga (għall-artikolu 814 Kap. 12) jkollha effett, il-Qorti, kemm fil-każ ta'rikuża kif ukoll fil-każ ta' astensjoni, trid tkun sodisfatta li almenu* prima facie, *it-talba ta' ritrattazzjoni tkun verament a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12. Jiġifieri minn eżami raġonevoli imma mhux approfondit tal-kawżali, kif espressa fil-petizzjoni, dik il-bażi tirriżulta, li mhix frivola, leġġera, jekk mhix addirittura, apparenti jew formali, biss. Jekk tkun hekk, ma tistax tiġi milqugħa mingħajr ma ġġib ħsara u konfużjoni deprekabbli fis-sistema organizzattiva ta' dawn il-Qrati, u flok ma sservi biex tiġi amministrata l-ġustizzja, tkun pretest biex*

*min ikun sokkombenti fl-ewwel ġudizzju, mhux biss jerġa' jiftaħ kawża definita, imma, ukoll, li jiftaħha quddiem tlett imħallfin differenti*".

Il-Qorti:-

L-intimat Joseph Psaila, Spettur tal-Pulizija meta bdiet din il-proċedura, illum Assistent Kummissarju tal-istess Korp, qed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawża f'din il-Qorti, wara s-sentenza minnha ppronunzjata fl-14 ta' Diċembru, 1994;

B'nota tat-8 ta' Mejju, 1995 huwa qed jirrikuża t-tlett Imħallfin li jikkomponu din il-Qorti, peress li huma - jiġifieri l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef, Professur Giuseppe Mifsud Bonnici, l-Onorevoli Imħallef Dottor Carmel Agius, u l-Onorevoli Imħallef Dottor Noel Arrigo - kienu l-istess tlett Imħallfin li ppronunzjaw l-istess sentenza li huwa qiegħed jimpunja permezz tal-petizzjoni ta' ritrattazzjoni;

Ir-rikuża tistrieh fuq dak li ġie deċiż minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1991 fil-kawża **F. Cachia *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*** (Vol. LLXV.I.302) fejn ġie deċiż illli fil-każ ta' ritrattazzjoni mitluba a bażi tas-subartikolu (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12, u ċjoe` illi s-sentenza impunjata kienet applikat l-liġi ħażin;

B'nota tas-16 ta' Mejju, 1995 ir-ritrattant issotometta illi l-liġi li kellha tiġi applikata hija dik tal-kapitolu 164 u speċifikatament l-artikoli 6 u 8 (2) u l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-istess Kapitolu;

Is-subartikolu (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12 jippreċiża illi:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm

applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti espressament tat deċiżjoni";

Kif ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Frar, 1993 fil-kawża **Joseph Micallef** ***vs*** **George Pavia** (vol. LXXVII.II.201) li tinvoka l-koma (e) ta' l-artikolu 811 fuq eċċezzjoni ta' *rikors*, irid isir eżami *preliminari* għaliex:

"Huwa evidenti illi biex din id-deroga (għall-artikolu 814 Kap. 12) jkollha effett, il-Qorti, kemm fil-każ ta' rikuża kif ukoll fil-każ ta' astensjoni, trid tkun sodisfatta li almenu *prima facie*, it-talba ta' ritrattazzjoni tkun verament a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12. Jiġifieri minn eżami raġonevoli imma mhux approfondit tal-kawżali, kif espressa fil-petizzjoni, dik il-bażi tirriżulta, li mhix frivola, leġġera, jekk mhix addirittura, apparenti jew formali, biss. Jekk tkun hekk, ma tistax tiġi milqugħa mingħajr ma ġġib ħsara u konfużjoni deprekabbli fis-sistema organizzattiv ta' dawn il-Qrati, u *flok ma sservi biex tiġi amministrata l-ġustizzja, tkun pretest biex* min ikun sokkombenti fl-ewwel ġudizzju, mhux biss jerġa' jiftaħ kawża definita, imma, ukoll, li jiftaħha quddiem tlett imħallfin differenti";

Eżami *prima facie* ta' dak li qed jissottometti ir-ritrattant huwa suffiċjenti. Huwa qed jgħid illi din il-Qorti messha applikat id-dispost tal-artikolu 8(2) tal-Kap.164:

"Kull membru tal-Korp għandu, fil-qadi tad-dmir tiegħu, minnufih jobdi mingħajr tfixkil jew kwistjoni l-ordnijet leġittimi *tal-Kummissarju*";

u dan m'għamlitux billi applikat minflok regola ta' responsabbilta`;

*Huwa minnu li s-sentenza impunjata tgħid:*

"Din il-Qorti ma tistax ma tirreġistrax il-kuntrast strident bejn is-sottomissjoni ta' l-intimat Psaila li huwa m'huwiex ħati ta' ebda vjolazzjoni għaliex huwa, bħala uffiċjal legali u dixxipplinat tal-Korp tal-Pulizija ma setax ma jobdix l-ordni tas-superjuri tiegħu biex jarresta lir-rikorrenti u dan in konformita` mal-liġi ...."

Iżda dan m'huwiex biżżejjed;

Kunsiderat kollox, billi, jista' jiġi konċess li dan il-kliem, fl-*obiter tas-sentenza m'huwiex biżżejjed biex jista' jingħad* li fuq dak li jipprovdi l-Kap.164 u speċjalment l-artikolu 8(2) tiegħu:

"il-Qorti espressament tat deċiżjoni";

kif irid is-subartikolu (e) tal-artikolu 811 Kap. 12 (notat fil-pargrafu 5 supra), it-tlett imħallfin komponenti din il-Qorti, li ppronunzjaw ukoll is-sentenza attakkata, qed jaċċettaw ir-rikuża u m'humiex se jisimgħu ulterjorment il-kawża.